MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Settembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 121/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Joseph Farrugia**
**Michael Attard**
**Carmel Gatt**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmijin Joseph Farrugia, Michael Attard u Carmel Gatt talli fid-19 ta' Settembru 2006 u fix-xhur ta' qabel f'Has-Saptan, limiti ta' Hal-Far, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(1) ikkommettew serq ta' fuel, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-persuna, mezz, hin u valur li jeccedi l-elf lira (Lm1,000) sar ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta u/jew persuni ohra;

(2) xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg, u cioe` fuel, misruq, mehud b'qerq jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibighuh jew imexxuh;

(3) fid-19 ta' Settembru 2006 ghall-habta tat-8.15 p.m. f'Has-Saptan, limiti ta' Hal-Far, bil-hsieb li jaghmlu delitt, u cioe` dak ta' serq aggravat mil-Fuel Storage Installation ta' l-Enemalta, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun ikkwalifikat bil-persuna, mezz, hin u valur li jeccedi l-elf lira l(Lm1,000) ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta u/jew persuni ohra;

(4) fid-19 ta' Settembru 2006 u wara ntervent u tfittxija li saret mill-ufficjali tal-Pulizija gewwa l-Enemalta Storage Installation f'Has-Saptan, il-persuni fuq imsemmija, flimkien ma' persuna ohra, bil-komplicita` u/jew bil-kooperazzjoni ta' xulxin, sabiex jiksbu xi vantagg u/jew beneficcju ghalihom infushom u/jew ghal haddiehor, xjentement gew fil-pussess, u/jew xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu fit-twarrib, depozt, habi u kif ukoll bil-garr ta' 4,000 litru aviation kerosene tat-tip JET A1, bil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBL-587, u dan xjentement bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern minn dazji u taxxi li jkun imisshom jithallsu fuqu. Dan il-fuel fuq imsemmi ghandu valur ta' Lm662.27, dazju ta' importazzjoni dovut ta' Lm31.13, u wkoll dazju tas-sisa u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) li jammontaw ghal Lm570.80 u Lm227.56 rispettivament, liema dazji u taxxi dovuti fuqu ma kinux gew imhallsa jew kawtelati;

(5) fix-xhur ta' qabel din id-data, fl-istess post u cirkostanzi, xjentement gew fil-pussess u sussegwentement iddisponew minn 20,000 litru minn dan

l-istess xorta ta' fuel, u dan xjentement bil-hsieb li jiffrodaw lill-Gvern minn dazji u taxxi li jkun imisshom jithallsu fuqu. Din il-kwantita` ta' fuel kellha valur ta' Lm3,311.35, dazju ta' importazzjoni dovut ta' Lm155.63 kif ukoll dazju tas-sisa u taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) li kienu jammontaw ghal Lm2,854.00 u Lm1,137.78 rispettivament, liema dazji u taxxa dovuta ma kinux gew imhallsa jew kawtelati;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Frar 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 41(1)(a), 261(b)(c)(d)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 268, 270, 278, 279(b), 280, 281, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, l-artikoli 16(i)(j)(n) u 17(a)(b) tal-Kap. 382, l-artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u l-artikoli 60(a)(c)(d)(e)(k), 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1) u 69(1)(2) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni peress illi alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni, ma sabitx lill-ko-imputati hatja tal-hames imputazzjoni u minnha lliberathom izda sabithom hatja ta' l-imputazzjonijiet l-ohra, u kkundannathom sentejn prigunerija u a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ordnat li din is-sentenza ma tibdiex issehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin mid-data tas-sentenza appellata, il-hatja jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija. Inoltre kkundannat lil kull wiehed mill-hatja multa ta' erbat elef u tliet mitt euro (€4,300), mil-liema multa l-ammont ta' elf erba' mija u zewg euro u tnax-il centezmu (€1,402.12) ghandu jitqies bhala dejn civili li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana. Dik il-Qorti ordnat ukoll, a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, li fi zmien erba' xhur mid-data tas-sentenza appellata l-hatja jhallsu fi kwoti divizi ndaqs bejniethom lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tmien mija u ghoxrin euro u wiehed u tmenin centezmi (€820.81) rapprezentanti spejjez inkorsi bin-nomina ta' esperti mahtura fl-inkjesta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Michael Attard ipprezentat fid-9 ta' Marzu 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu s-sejbien ta' htija u in kwantu l-piena u minflok tiddikjarah

mhux hati ta’ l-ewwel, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet u tilliberah minnhom u minn kull piena u tikkonfermaha fil-bqija;

**4.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joseph Farrugia u Carmel Gatt ipprezentat fid-9 ta’ Marzu 2011 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx htija fir-rigward tat-tieni u l-hames imputazzjonijiet u thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabet htija u konsegwentement tilliberahom minn kull piena u htija, u f’kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta;

**5.** Rat ir-rikors tat-tliet appellanti pprezentat fl-4 ta’ Ottubru 2011 li permezz tieghu qajmu kwistjoni kostituzzjonali u talbu li din il-Qorti tirreferiha lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili; rat ir-risposta ta’ l-Avukat Generali; rat il-verbal tad-9 ta’ Novembru 2011 fejn id-difiza ghall-appellanti rtiraw it-talba taghhom biex issir referenza kostituzzjonali u minflok talbu li din il-Qorti tiddeciedi jekk l-istqarrijiet ta’ l-appellanti ghandhomx ikunu, fl-ewwel lok, sfilzati jew, fin-nuqqas, skartati qabel ma l-Qorti tghaddi biex taghti sentenza finali; rat il-provvediment moghti llum stess fejn din il-Qorti ddecidiet li l-istqarrijiet m’ghandhomx jigu sfilzati izda li ma seta’ jkollhom l-ebda influwenza, diretta jew indiretta, fuq l-ezitu ta’ dawn il-proceduri kriminali;

**6.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedini penali aggornata ta’ l-appellanti esebiti mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**7.** L-aggravji ta’ l-appellant Michael Attard huma fis-sens li huwa ma setax jinsab hati ta’ serq aggravat kif lanqas tar-reati fiskali. L-aggravji ta’ l-appellanti Joseph Farrugia u Carmel Gatt huma (1) li s-sentenza appellata hi nulla peress illi lliberathom mit-tieni imputazzjoni li hija dwar ricettazzjoni mentri l-ewwel Qorti rreferiet ghaliha bhala ta’ serq aggravat, u ghalhekk mhux car minn liema imputazzjoni gew illiberati; (2) minghajr pregudizzju, li ma rrizultax ta’ min kien il-fuel; (3) li ma setghux jigu misjuba hatja ta’ l-istess reat li gie kkunsmat minn terzi; (4) minghajr pregudizzju, li l-multa kellha tkun wahda

komplessiva; (5) minghajr pregudizzju, li l-piena hija eccessiva u harxa zzejjed.

**8.** Kwantu ghall-ewwel aggravju ta' l-appellanti Joseph Farrugia u Carmel Gatt, huwa minnu li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li kienet qed issib lill-imputati "hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv ghat-tieni akkuza li tirrigwarda serq aggravat u tal-ahhar akkuza". Huwa minnu wkoll li t-tieni imputazzjoni hi dik ta' ricettazzjoni u mhux ta' serq aggravat. Tliet paragrafi qabel fl-istess sentenza, pero`, l-ewwel Qorti tirreferi ghat-tieni imputazzjoni bhala dik ta' ricettazzjoni u tghid li kienet sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha. U fil-paragrafu sussegwenti ghal dak fejn iddikjarat htija, l-ewwel Qorti terga' tirreferi ghat-tieni imputazzjoni, tghid li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni "li tirrigwarda serq aggravat", u tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dik it-tieni imputazzjoni. Ghalhekk huwa car illi meta l-ewwel Qorti kienet qed tiddikjara l-htija ta' l-imputati, dan kienet qed taghmlu fir-rigward ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, u kien biss *lapsus* min-naha taghha meta rreferiet ghat-trieni imputazzjoni bhala ta' serq aggravat. Kwindi l-ewwel aggravju ta' l-appellanti Joseph Farrugia u Carmel Gatt huwa michud.

**9.** Kwantu ghall-aggravji ta' l-appellanti kollha fil-mertu, din il-Qorti ezaminat il-provi kollha migjuba qudiem l-ewwel Qorti fid-dawl tal-provvediment moghti llum stess rigward l-istqarrijiet li ghamlu l-appellanti kollha meta kienu taht investigazzjoni. Meta jigu eskluzi dawn l-istqarrijiet u kwalunkwe stqarrija li l-appellanti setghu ghamlu lill-investigaturi, jirrizulta nuqqas ta' provi li jippuntaw lejn l-appellanti. Hekk fil-gurnata in kwistjoni l-Pulizija, fi trejqa kantuniera boghod mill-impjant minn fejn gie allegat li kien qieghed isir is-serq ta' fuel, sabu vettura JBI-147 li fiha kien hemm certu Nazzareno Abela. Din il-vettura kienet tikkonsisti f'vann jew trakk modifikat bhala bowser, izda kien vojt. Ftit wara tfacca trakk simili, EBL-587 misjuq minn Shaun Abela, iben Nazzareno Abela, u dan kien mimli fuel. Ma jirrizultax minn fejn tghabba dak il-fuel. Skond Philip Borg, il-fuel fit-trakk kien gej minn fuel li kien

qieghed jinhatt minn fuq vapur. Mill-provi ma jirrizultax x'sehem seta' kellhom l-appellanti biex dak il-fuel jigi *diverted* ghal got-trakk – effettivament lanqas hemm prova li dak il-fuel kien gie hekk *diverted* – u ghalhekk ma giex ippruvat *nexus* bejnhom u l-fuel allegatament misruq.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appelli billi tirriforma s-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda l-appellanti Michael Attard, Joseph Farrugia, u Carmel Gatt, tirrevokaha in kwantu sabithom hatja ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u in kwantu kkundannathom sentejn prigunerija u a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ordnat li din is-sentenza ma tibdiex issehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin mid-data tas-sentenza appellata, il-hatja jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija, in kwantu kkundannat lil kull wiehed mill-hatja multa ta' erbat elef u tliet mitt euro (€4,300), mil-liema multa l-ammont ta' elf erba' mija u zewg euro u tnax-il centezmu (€1,402.12) ghandu jitqies bhala dejn civili li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana u in kwantu li a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, fi zmien erba' xhur mid-data tas-sentenza appellata, il-hatja jhallsu fi kwoti divizi ndaqs bejniethom lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tmien mija u ghoxrin euro u wiehed u tmenin centezmi (€820.81) rapprezentanti spejjez inkorsi bin-nomina ta' esperti mahtura fl-inkjesta, u minflok tiddikjarahom mhux hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberahom minn dawn l-imputazzjonijiet u minn kull piena, filwaqt illi tikkonfermaha fil-bqija, u cioe` in kwantu astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni u in kwantu ma sabithomx hatja tal-hames imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------